SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 T'OTTUBRU 2001

Avviz Nru 1938/98DM

Korporazzjoni Enemalta

Vs

Rabat Construction Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-korporazzjoni attrici ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' mija u sitta u sittin lira Maltin u tlettax il-centezmu (Lm166.13) rapprezentanti hsarat ikkawzati mill-konvenut f'cable propjeta` tal-korporazzjoni attrici fi Triq l-Mielah limiti ta' St Andrews nhar is-17 ta' Settembru 1996, kif ukoll ihallas l-imghaxijiet legali dekorribli mid-data tal-incident sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali ta' 3 ta' Novembru 1997, tal-ittra bonarja tat-28 ta' Lulju, 1997 tat-taxxa tas-sisa fuq servizzi inkonessjoni mad-drittijiet professjonali u bis-socjeta konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi, fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet taghha, s-Socjeta eccipjenti mxiet taht id-direttivi, ordnijiet u supervizjoni ta' ufficjali tal-Korporazzjoni attrici, kif sejjer jigi pruvat ahjar waqt is-smigh, u ghalhekk hija ma tahti xejn ghal dak li sehh;

2. Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi jirrizulta stabbilit illi kienet il-kumpanija konvenuta illi kienet qieghda tesegwixxi x-xoghol ta' thaffir fi Triq il-Mielah Limiti ta' St Andrews fejn intlaqat il-cable inkwestjoni. Jirrizulta wkoll illi l-

istess kumpanija konvenuta kienet ghamlet l-applikazzjonijiet regolari sabiex tinghata l-permessi ghat-thaffir ta' trench fl-istess triq u li kienet ukoll regolarment stenniet sakemm raprezentanti tal-Korporazzjoni Enemalta kienu indikaw fejn kienu ghaddejjin il-cables biex f'dak il-lokali it-thaffir isir b'attenzjoni ikbar halli ma ssirx il-hsara.

Jirrizulta wkoll illi fejn sar, fejn intlaqat il-cable huwa il-post fejn kien indikat lil konvenuti li effetivament kien ghaddej mill-cable.

L-unika kontestazzjoni bejn il-kontendenti hija illi filwaqt illi l-cables tal-Enemalta kellhom ikunu almenu zewg piedi u nofs taht il-livell tat-triq u mghottijin bil-kaptelli, il-konvenut jallega illi dawn ma kienux f'dak il-livell imma kienu iktar lejn il-wicc tat-triq.

Izda ghalkemm ir-rapprezentanti tal-korporazzjoni attrici jallegaw illi effetivament dawn il-cables li intlaqtu kienu iktar minn zewg piedi u nofs taht il-livell tat-triq, Lawrence Agius ghal kumpanija konvenuta ma kienx f'posizzjoni li jindika ezattament il-livell li fih huwa sab dawn il-cables. Jirrizulta wkoll illi l-istess Lawrence Agius li kien hu qed juza il-makkinarju, ma uzax xi grad t'attenzjoni partikolari meta wasal fejn il-post li kienu ghaddejin il-cable. Infatti baqa` jahdem bil-hymac u ma hadimx ix-xoghol bl-idejn.

In oltre jirrizulta wkoll illi meta l-hsara giet investigata mill-ufficjal tal-pulizija PS 1492 Joseph Pace, l-istess Lawrence Agius ghal kumpanija konvenuta kien stqarr li kien hu li laqat il-cables u li kien lest li jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat. Dan anke jirrizulta mill-okkorenza li l-istess ufficjal tal-pulizija dahhal fis-17 ta' Jannar 1996 dwar dan l-incident.

Dawn l-indizi kollha jindikaw illi l-kumpanija konvenuta hija responsabli ghal hsarat li kkawzat fil-cable tal-korporazzjoni attrici u ghalhekk trid taghmel tajjeb ghad-danni li sofrew l-atturi.

Mid-deposizzjoni ta' Silvio Decelis u d-dokumenti minnu esebiti jirrizulta li dawn d-danni effetivament jammontaw ghas-somma mitluba fl-avviz u ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa` it-talba attrici u tikundanna lil konvenuti ihallsu lil atturi is-somma mitluba ta' mija u sitta u sittin lira u tlettax il-centezmu (Lm166.13) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz oltre l-imghaxijiet legai b'effett mit-12 t'Ottubru tal-1998

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija konvenuta.

Mag. Dr. D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep/Reg